# Għall-mewt ta' G. K. Chesterton.

*Lill-Poeta* Dun Karm
*li kellu taħdita miegħu.*

Hu kien kif bosta. Bħalu ftit. Il-kotra
tmut fi twelidha, għad li tgħix is-snin.
Hu twieled ħaj u baqa' ħaj u jibqa':
għax twieled meta miet fost il-bnedmin.

Ħaseb, biex jifhem: u kif beda ssokta.
Fehem, biex jemmen: xejn ma tbiddel fih.
Ra 'l Alla fil-ħolqien: għaraf li ħliefu
kien kollox bżieżaq tas-sapun mar-riħ.

U ħabb is-Sewwa, għax kien jaf l-imħabba;
tjassar għas-Sewwa, għax kien jaf jiċkien;
ra t-Tajjeb u s-Sabiħ f'Dak li ħalaqhom;
għaraf 'l Alla fuq kollox, fuq kull żmien.

U baqa' tifel fi rġulitu: qalbu
is-safa ma tilfetx ta' qlub iż-żgħar.
Stkerraħ l-oqbra mbajdin u l-lpup ta' żmienna;
u tas-Sewwa u tal-Ħaqq rifed l-iswar.

Ried jirbaħ b'saħħa, u għaraf jirbaħ. Imma
l-ewwel ma rebaħ lilu in-nifsu biss.
Imbagħ'd rebaħ il-bqija, u rażżan l-ilsna
tas-sriep għamla ta' nies, kif kien imiss.

Ma qagħadx għall-kelma, ħoss ta' leħen fieragħ,
jew għall-wegħdiet ta' ħolm li xejn ma jrodd;
ħarab mill-ħajr tal-faħx, tal-qerq, tal-għama;
għalih l-aqwa l-egħmil: dan hu li jgħodd.

Karmenu Vassallo.

Lulju 1936.

# IN-NUTARI

## FL-EWWEL SNIN TA' L-INGLIŻI F'MALTA

### IV

Fl-1801, Karlu Dimech għamel talba lill-Gvernatur. Fiha qal li billi hu l-akbar fost sħabu, xtaq li jilħaq Nutar. Kien ilu Stipulant sa mill-1792. L-Udituri eżaminawh u sabuh tajjeb għal dak li talab. Dawn qalu li Dimech tgħallem fl-Università u ġieb iċ-ċertifikat tar-Rettur u tal-Professur tad-Dritt Civil. Kellu 30 sena. Barra minn dan kollu, Dimech kien raġel sewwa u kellu xi bini. Fuq li qalu l-Udituri, il-Gvernatur ħatru b'Nutar fis-7 ta' Jannar.

Stipulant ieħor, jismu Baldass Mamo, f'Ottubru ta' l-1802 għamel talba biex jilħaq Nutar. Fiha qal, li minn Settembru ta' l-1797 kien ħa s-setgħa li jagħmel il-kuntratti f'isem missieru, in-Nutar Ċikku Mamo. Kellu 26 sena u 5 xhur. Mirrewwixta tal-Maltin għall-Franċiżi sa dak in-nhar li għamel it-talba tiegħu, f'Malta mietu ħmistax-il-Nutar. Flok dawn ma sarux ħlief tmienja biss. Baqgħu battala sitta. Iżda ma' dawn ma ġiex magħdud wieħed li kien imsiefer.

L-Udituri eżaminawh u sabuh tajjeb. Għalhekk qalu lill-Gvernatur li jista' jagħmlu flok wieħed min-Nutari li mietu. U l-Gvernatur, fit-22 ta' Ottubru tal-1802, lil Mamo tah is-setgħa ta' Nutar.

L-Istipulant Wistin Portelli wkoll talab biex jilħaq Nutar. Dan kien jaħdem ma' missieru, in-Nutar Mikielanġ.

Portelli ġie misjub li hu tajjeb għal Nutar fl-eżami li sarlu mill-Udituri. Fuq hekk, dawn qalu lill-Gvernatur, li billi miet in-Nutar Pawlu Caruana, fiż-żmenijiet li kienu, jista' jagħmlu floku. Għal 25 sena kien jonqsu 4 xhur biss. Il-Gvernatur sama' mill-Udituri, u lil Portelli għamlu Nutar fl-14 ta' Marzu ta' l-1803.

Iżjed. Ġużè Mizzi, minn Għawdex, għamel talba fl-1803. Fiha qal li kien ilu 5 snin Stipulant man-Nutar Ċikku Pace. Iżda, billi dan miet, xtaq li jsir Nutar floku. Kellu 24 sena u għaxart ijiem. Wara li Pace għadda mill-eżami ta' l-Udituri, laħaq Nutar fis-6 ta' Diċembru 1803.

Bħalma rajna mit-talbiet li għamlu xi wħud milli hawn fuq ġibna, aktarx li jidher, illi l-għadd tan-Nutari kien maqtugħ kemm kellu jkun. Tgħid il-Gvern kien iżomm idejh fil-ħatra tan-Nutari biex ma jkunx hemm għadd kbir